**ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

Lir-Reverendi Arċiprieti, Kappillani, Retturi ta' knejjes u Superjuri Reliġjużi

# FTUĦ TAL-KAWŻI GĦALL-BEATIFIKAZZJONI U GĦALL-KANONIZZAZZJONI TA' HENRY U INEZ CASOLANI, LAJĊI MIŻŻEWĠIN

Monsinjur Arċisqof Charles J. Scicluna għoġbu jilqa' t-talba tal-Kan. Dun Etienne Sciberras, Postulatur, biex jiftaħ żewġ kawżi għall-Beatifikazzjoni u għall-Kanonizzazzjoni ta' Henry Casolani u Inez Casolani.

Dan se jsir waqt quddiesa kkonċelebrata li Monsinjur Arċisqof se jmexxi nhar is-Sibt, 29 ta' Awwissu, 2015 fis-6.30 p.m. fil-Knisja ta' San Duminku, ir-Rabat.

Is-saċerdoti, il-persuni ta' ħajja kkonsagrata u l-lajċi kollha huma mistiedna biex jieħdu sehem f'din il-quddiesa, biex flimkien, bħala l-Poplu ta' Alla f'Malta, nitolbu lill-Ispirtu s-Santu biex jagħti d-dawl lil dawk kollha involuti biex, jekk inhi r-rieda tiegħu, 'il quddiem naraw lil dawn iż-żewġ persuni lajċi miżżewġin beati u qaddisin.

Man-*notice board* tal-knisja hemm imwaħħlin żewġ editti li ħareġ Monsinjur Arċisqof marbutin ma' din il-ġrajja, biex jingħata tagħrif fil-qosor dwar il-ħajja ta' Henry u Inez Casolani. Kull min għandu xi tagħrif jew materjal għandu jgħaddih lill-Kanċellerija tat-Tribunal tal-Arċidjoċesi ta' Malta fil-Belt, Valletta.

Maħruġa mill-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, Floriana, illum 21 ta' Awwissu 2015.

| | |
|---|---|
| Lawrence Gatt | Joe Galea Curmi |
| Kanċillier | Vigarju Ġenerali |